# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH

**Distrett Qormi**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Anthony Baldacchino**

**Illum, 5 ta' Marzu, 2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni mressqa kontra Anthony Baldacchino detentur tal-karta tal-identità numru 32255M, fejn gie akkuzat talli f' 14.04.2018 ghall-habta ta' 21.00hrs, u hinijiet ta' qabel, gewwa Triq l-Imdina, Qormi, gestixxa attivita' kummercjali bil-permess li tinkludi bejgh ta' vetturi, halla jew ippermetta li jithallew vetturi ghal bejgh f' xi post ta' triq jew halla jew ippermetta li jithallew vetturi  f' post pubbliku bil-hsieb li jkunu esposti ghal bejgh immarkati bi kliem ghal bejgh jew kull kliem li jindikaw l-intenzjoni ghal bejgh;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati;

Semghet ix-xhieda;

Semghet trattazzjoni;

Rat li din il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat;**

Il-Qorti fliet l-affidavit ta' PS 274 James Turner, l-affidavit ta' Malcolm Zerafa u x-xhieda moghtija minn Anthony Baldacchino u Brian Baldacchino.

Id-difiza, tramite x-xhieda prodotti, sostniet li l-imputat irtira min-negozju li kien jopera minn *showroom* fi Triq Mdina, Qormi. L-imputat insista li huma t-tfal tieghu li jiehdu hsieb in-negozju. Id-difiza argumentat ukoll li dawn il-vetturi, jkun hemm bzonn li jinhargu minn gox-*showroom* biex tinhareg vettura ohra, li tkun inbieghet jew li trid tkun tintwera jew tintuza, u li tkun tinsab fuq gewwa tax-*showroom*. Madanakollu, il-vetturi li jinhargu, jithallew ghal ftit hin biss, sakemm tinhareg din il-vettura. Intqal ukoll mid-difiza, li la l-imputat, u lanqas uliedu li jiehdu hsieb ix-*showroom,* ma gew mitkellma mill-Pulizija dakinhar tal-allegat incident, u meta mistoqsi dwar il-hin li sehh, Brian Baldacchino qal li dak il-hin tal-allegat incident, huwa kien qed johrog il-vetturi mix-*showroom* ghaliex dik it-triq hi traffikuza, u ghalhekk dak il-hin ikun l-ahjar hin. L-insistenza tad-difiza kienet dejjem li dawn il-vetturi kienu qed jinhargu u jergghu jiddahhlu gewwa l-istess *showroom*, u dan bil-ghan li jitpoggew fuq il-parti ta' quddiem tal-istess *showroom*.

Il-Qorti tqies li mill-banda l-ohra, il-Prosekuzzjoni ressqet bizzejjed provi lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, li l-imputat ghandhu jinstab hati tal-imputazzjoni hekk kif dedotta kontra tieghu.

Irrizulta li fiz-zmien li sehh dan l-incident, kien l-istess imputat li kien is-sid ta' din ix-*showroom*, u d-dokumenti relattivi, anke *vis a vis* it-*trial run* tal-vetturi, kienu ghadhom fuq ismu (Vide Dok ABC). Irrizulta wkoll li ma hemm l-ebda licenzja da parti tal-Awtorità tat-Turizmu a favur tal-imputat (Vide affidavit relattiv). Ghaldaqstant, minkejja li jista' jaghti lok li uliedu kienu jiehdu hsieb din ix-*showroom*, il-fatt jibqa' li kien l-imputat li fuqu kienet ghadha rregistrata din ix-*showroom* flimkien mal-permess tat-*trial run*.

Irrizulta wkoll mill-affidavit ta' PS 274, li fl-14 ta' April 2018, bejn il-hinijiet tad-9 u ta' 9.30 ta' filghaxija, fuq il-post tal-akkadut, kien hemm zewg vetturi, u li fuqhhom kellhom avviz ta' bejgh b'numru indikat, li kien jaqbel man-numru li hemm mat-tabella tax-*showroom* ABS Autodealer. Gew ipprezentati wkoll ritratti ta' dawn il-vetturi.

Il-Qorti tqies li x-xhud, Brian Baldacchino, ma cahadx li dawn il-vetturi li jidhru fir-ritratt esebit a fol 21 tal-process, ma kinux proprjetà tan-negozju tal-familja tieghu, izda sempliciment insista, li dawn jkunu vetturi li huma pparkjati sew.

Il-Qorti tqis ghal dawn ir-ragunijiet, li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li dawn il-vetturi, kienu qed jithallew f'din it-triq/post pubbliku, bil-hsieb li jkunu esposti ghal bejgh. Li kieku kif verament qalu x-xhieda tad-difiza, il-vetturi dejjem dehlin u hergin minn gox-*showroom*, zewg vetturi bhal dawk indikati fl-affidavit ta' PS 274, ma kinux jithallew barra f'dawk il-hinijiet meta n-negozju kien già maghluq, tant li kemm l-imputat, u kemm ibnu, ikkonfermaw li l-ebda Pulizija ma kien avvicinahom dakinhar tal-incident.

**Decide**

**Ghaldaqstant, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 5 tat-tieni skeda tal-Avviz Legali 01/06, l-Artikolu 53 tal-Avviz Legali 01/06 u l-Artikolu 18(1)(a) tal-Kap 441 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni mressqa fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal hlas ta' ammenda ta' tliet mitt Ewro (€300).**

**Magistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Registratur**